# Jikteb Mario Fenech



Festa 2009

***Il-Gzira fl-Imgħoddi***

Il-lokalita' tal-Gzira hija waħda li zviluppat sew l-aktar matul is-seklu għoxrin. Toroq wesgħin u dritti b'uħud minnhom imsemmija għal diversi gvernaturi Inglizi, knisja parrokkjali sabieħa magħrufa bħala tal-Ġebla li ġiet mibnija bl-imħabba u l-ġenerozita tal-pubbliku, ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu u t-triq tax-xatt li twasslek lejn tas-Sliema.

Din il-parti tax-xatt tal-Gzira minn dejjem kienet triq importqanti u dan għaliex kienet tintuza kemm għal vetturi ta' nies ċivili kif ukoll għal dawk in-nies tas-servizzi Inglizi li kienu jkunu stazzjonati fil-Barrakki tal-Forti Tigne u fil-Fortizza ta' Manoel Island.

F'dan ir-ritratt li għazilt għal dan l-artiklu naraw din il-parti tat-triq fejn hemm il-pont ta' Manoel Island. Ninnutaw li kif wieħed kien jaqsam minn fuq dan il-pont kien jgħaddi minn ġo bieb li jixbah ħafna lil dak li għad hemm mal-ġenb ta' triq oħra fil-Gzira li twasslet lejn ir-roundabout tal-Universita'.

Man-naħa tax-xellug tat-triq jodher l-ewwel bini li kien hemm fl-inħawi fil-waqt li fejn illum hemm is-sede tal-kazin tal-Banda 'Mount Carmel' ma hemm l-ebda bini ħlief għelieqi bil-ħitan tas-sejjieħ.



Il-kmamar zgħar bil-bibien kollha l-istess x'aktarx li kienu jintuzaw minn dawk li kellhom il-biċċiet tal-baħar tagħhom fil-baħar viċin Manoel Island jista' jkun ukoll li dawn kienu

jintuzaw waqt x-xhur sħan tas-sajf bħala vileġġjatura.

Fil-parti tan-bofs ta' din ix-xena tidher il-knisja tas-Sacro Cuor bil-faċċata l-antika tagħha u l-ewwel blokki ta'ġ bini li kien hemm madwarha fosthom il-famuza Villa Bonnici, Triq San Ġwann Battista, Triq San Trofmu u parti minn Triq Rudolfu.

Lejn in-naħa tal-lemin tar-ritratt jidru d-djar ta' Triq Santa marija, Triq San Piju u Triq San Vincenz. Tidher sew ukoll il-koppla tal-Knisja ta' Stella Maris li dak iz-zmien kient għada mingħajr il-kampnari.

Hawnhekk ta' min ifakkar li meta kien sar l-att sagrilegu ta' meta kienet intefet il-ġebla lejn il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu mill-baħrin Inglizi l-ewwel qassis li kien ġie msejjaħ lejn il-Gzira kien il-kappillan tal-parroċċa ta' Stella Maris li magħha kienu jaġġmlu l-inħawi tal-Gzira.

Xena mill-isbaħ li teħodna lura sew fis-snin, xena trankwilla li zgur ħadd ma jista' jġib lura jew jimmaġina fiz-zmien tal-llum meta minn din it-triq li mbidlet għal kol-lox igħaddu eluf ta' vetturi u nies kuljum.

*Il-festa t-tajba lil Kulħadd.*

Glyfada - Greece

Walzbrych - Poland

Gżira

**Kunsill Lokali Gżira**

**Is-Sindku Dr. Chris Bonett flimkien mal-Kunsillieri u l-istaff tal-Kunsill, jawguraw il-Festa t-tajba lir-residenti kollha Gżirjani**

**283/1 Triq D'Argens, Gżira. Tel 21341034, Fax 21341616, Email gzira.lc@gov.mt**